# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 4 ta' Mejju, 2001.**

**Numru 28**

**Citaz. Nru. 547/01GV**

**J. & C. Pisani Limited**

**vs**

**Supermaster Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' konvenuta ghandha taghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlettax il-elf, hames mija u disgha u erbghin lira Maltija u tmienja u disghin centezmu (Lm13,549.98) flimkien mal-imghax legali mid-data tal-konsenja sal-hlas effettiv, prezz ta' merkanzija lilha mibjugha u kkonsenjata, kif jidher fil-prospett hawn anness (Dok. B), liema dejn hu cert, likwidu u skadut;

Premess illi fil-fehma tas-socjeta' attrici, is-socjeta' konvenuta m'ghandiex eccezzjonijiet x'taghti kontra t-talba ghall-hlas tal-ammont mitlub u ghalhekk hu l-kaz li din il-Qorti ghandha tiddecidi skond it-talba bid-dispensa mis-smiegh tal-kawza a tenur tal-art. 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici, ghar-ragunijiet premessi talbet lil din il-Qorti:

1. Tiddecidi skond it-talba bid-dispensa mis-smiegh tal-kawza a tenur tal-art. 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u

2. Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlettax il-elf, hames mija u disgha u erbghin lira Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm13,549.98) flimkien mal-imghax legali mid-dati tal-konsenja sal-hlas effettiv, prezz ta’ merkanzija lilha mibjugha u kkonsenjati skond il-prospett (Dok. B);

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-mandat ta’ qbid tallum stess kontra s-socjeta’ konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta’ konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet l-avukat tas-socjeta’ attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata; Fil-kontumacja tas-socjeta’ konvenuta tiddecidi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**